MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1645/2003

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Angelo Schembri u
V & C Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Awissu, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' elf mitejn u sebgha u erbghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1247.29) rappresentanti danni kagjonati lill-proprjeta tal-Korporazzjoni attrici mill-konvenuti fis-7 ta' Lulju 2001, gewwa Garibaldi Street, Luqa.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta'l-incident sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fl-10 ta’ Settembru 2003, fejn gie eccepiet:

1. preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, stante li, kif ser jigi ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza u mill-provi prodotti, l-konvenuti mhumiex responsabbli ghall-allegati hsarat.
3. Illi l-konvenuti fil-hidma taghhom osservaw ir-regolamenti kollha, hadmu skond is-sengha u l-arti u fl-ebda mument ma kienu imprudenti u/jew negligenti fil-hidma taghhom.

Ra r-risposta tal-konvenut Angelo Schembri ipprezentata fit-3 ta’ Novembru 2003 fejn huwa eccepixxa:
1. Illi l-ammont pretiz mill-Korporazzjoni attrici mhux dovut mill-konvenut Angelo Schembri ghaliex meta huwa kien qed jahdem fid-data u l-post imsemmi fit-talba huwa kien qed jaghmel dan ix-xoghol bhala impjegat mas-socjeta l-ohra konvenuta.
2. Ghaldaqstant huwa jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jekk jordna il-hlas ta’l-ammont pretiz dana ikun ghak-karigu tas-socjeta V&C Contractors Limited.

Ra l-verbali tas-seduti ta’l-1 ta’ Gunju 2004 u tat-2 ta’ Lulju 2004, fejn jirrizulta illi l-partijiet iddikjaraw illi huma ma kellhomx provi xi iressqu in sostenn ta’l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’l-azzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Lulju 2004 fejn l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’l-azzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta konvenuta fl-ewwel eccezzjoni minnha sollevata qieghda teccepixxi l-preskrizzjoni ta’l-azzjoni a tenur ta’l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili li jiddisponi illi

azzjoni civili ghad-danni, mhux derivanti minn azzjoni kriminali, jaqghu bid-dekors ta’ sentejn.

Illi l-ebda provi ma gew prodotti f’dan ir-rigward minn l-ebda wahda mill-partijiet u ghalhekk it-Tribunal ikollu jistrieh fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali. Illi mill-avviz jidher illi l-event dannuz sehh fis-7 ta’ Lulju 2001. Illi l-kawza odjerna giet intavolata fis-26 ta’ Awissu 2003 u ghalhekk iktar minn sentejn wara li kien sehh l-incident li ghalih l-Korporazzjoni attrici qed titlob id-danni. Ma jidhirx illi f’dan il-perijodu ta’ zmien il-perijodu preskrittiv gie b’xi mod interrott. Provi f’dan ir-rigward ma gewx prodotti – ma jirrizultax illi giet ipprezentata xi ittra ufficjali, lanqas ma jirrizulta xi accettazzjoni da parti tal-konvenuti jew xi pagament akkont. Kwindi l-perijodu preskrittiv baqa’ jiddekorri ininterottament.

Kwidni l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta’ sentejn a tenur ta’l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, jiddikjara l-azzjoni attrici preskritta a tenur ta’l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili u ghalhekk ighaddi sabiex jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------